**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 63 - IT-TLIETA 18 TA' LULJU 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-17:31) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Skużati | Clifford Galea | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Benjamin Bugeja | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Pubbliku preżenti: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Galea kien infurmah li mhux se jkun jista jattendi minħabba li jinsab imsiefer. Kopja tal-email annessa f'A

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat, li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-minuti tal-laqgħa nru. 61 ġew approvati, *nem con*, wara proposta mill-Kunsillier Brincat, ssekondata mill-Kunsillier Gatt. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.3. Il-minuti tal-laqgħa nru. 62 ġew approvati ukoll, *nem con,* wara proposta mis-Sindku, ssekondata mill-Kunsilliera Cuomo. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.4. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar punt nru. 2.8 tal-laqgħa nru. 61, dwar il-laqgħa li kellha ssir dwar il-proġett tal-Pjazza, jekk minħabba l-mozzjoni ġdida hux se titpoġġa *on hold*. Is-SE ikkonferma.

2.5. Il-Kunsillier Brincat ikkummenta dwar punt nru. 10, dwar il-konferenza nazzjonali, biex tinzamm fl-aġenda sabiex jingħata rendikont, peress li l-Kunsillier Galea ma kienx preżenti.

2.6. Is-Sindku infurmat li se tikkuntattja lill-Kunsillier Galea aktar tard sabiex jagħti rendikont tal-attività.

2.7. Il-Kunsillier Brincat staqsa wkoll x'kien sar dwar punt nru. 12, dwar CCTV fuq sorveljanza dwar ħmieġ.

2.8. Is-SE infurmaħ li hemm komunikazzjoni dwar dan is-suġġett.

## 3. CO-OPTION TA' KUNSILLIER

3.1. Is-Sindku ppreżentat mozzjoni għall-co-option tas-Sur Joseph Spiteri bħala Kunsillier. Il-Mozzjoni kienet ssekondata mill-Kunsillier Brincat. Annessa f'B.

3.2. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.3. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiġi diskuss punt nru. 8 mill-aġenda.

## 4. RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Is-Sindku ppreżentat il-lista ta' responsabbiltajiet riveduti kif diskussi bejna u l-Kunsillieri individwali. Hija spjegat x'kienu r-responsabbiltajiet kollha u infurmat li se tkun qed titlob rendikont perjodikament biex tara jekk ikunx hemm min ikollu bżonn ta' xi għajnuna, u jsiru diskussjonijiet skond il-bżonn.

4.2. Il-Kunsill approva l-lista ta' responsabbiltajiet.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1. Is-SE informa li waslet ittra mingħand l-Għaqda Mużikali Peace fejn awguraw lis-Sindku u Viċi Sindku u rringrazzjaw lill-Dott. Maria Deguara għax xogħol tagħha tul is-snin li għamlet bħala Sindku.

5.2. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsilli tal-Furjana u Mosta talli kkollaboraw fil-konferenza nazzjonali kontra d-droga. Irringrazzjat ukoll lill-Kunsillier Galea, tax-xogħol tiegħu fuq din l-attività, kif ukoll lill-Kunsillieri Gatt, Agius u Brincat talli kienu preżenti waqt il-konferenza. Irringrazzjat ukoll lis-SE li wkoll attenda għal din il-konferenza.

5.3. F'dan il-ħin is-Sindku għamlet kuntatt telefoniku mal-Kunsillier Galea biex jagħti il-kummenti tiegħu.

5.4. Il-Kunsillier Galea irringrazzja lis-Sindku, s-SE u l-Kunsillieri kollha, kif ukoll lill-Kunsilli tal-Furjana u Mosta u l-Fondazzjoni Oasi.

5.5. Huwa qal li l-Kunsill tan-Naxxar kien l-ewwel Kunsill li qatt għamel xi ħaġa simili.

5.6. Il-Kunsillier Galea sostna li dan kien l-ewwel pass biex il-pubbliku jara lill-Kunsill ukoll bħala post fejn wieħed jista' jirreferi għall-għajnuna.

5.7. Is-Sindku infurmat li waslet korrispondenza dwar in-National Award for Self Achievement intitolat B'Ħilti Wasalt. Il-Kunsill kien mitlub li jinnomina xi persuni li kienu żvantaġġati u rnexxew b'ħilithom. Kull min ikollu xi isem ikun jista' jgħaddih għall-konsiderazzjoni.

5.8. Is-Sindku infurmat li waslet email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) dwar kollaborazzjoni f'attivitajiet kontra l-vjolenza domestika. Il-Kunsill kien mitlub jixgħel postijiet ta' interess fil-lokalita' għal 3 Sibtijiet matul il-perjodu tal-attivita' (24 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru). Il-Kunsill qabel.

5.9. Is-Sindku infurmat li waslet stedina għal-seminar tat-tmiem ta' proġett intitolat "The LifeMedGreen Roof Project". Is-seminar se jsir fl-20 ta' Lulju bejn id-09:00 u l-17:00 u kulħadd mistieden jattendi.

5.10. Is-SE informa li waslet komunikazzjoni mingħand l-ANSEK dwar diversi konferenzi internazzjonali li se jsiru din is-sena li huma ta' interess għall-Kunsilli Lokali. L-ewwel konferenza se ssir bejn is-7 u 8 ta' Settembru, ġewwa Brussell, dwar perspettivi internazzjonali tal-isfidi li niffaċċjaw biex inservu l-komunitajiet tagħna.

5.11. Informa ukoll li f'Jannar 2018 ġewwa Porto, il-Portugall, se ssir konferenza dwar *risk management*, però dettallji jingħataw aktar il-quddiem.

5.12. Is-SE informa li l-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Comune di Coreno Ausenio fl-Italja biex is-Sindku u SE jitilgħu l-Italja bejn l-4 u t-8 ta' Awwissu biex isiru diskussjonijiet dwar possibiltajiet ta' fondi Ewropej. Informa li se jkun hemm preżenti wkoll il-President tal-Parlament Ewropew Antonio Tajani. Il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-SE jattendu.

5.13. Is-Sindku infurmat li kienet mistiedna mill-Għaqda Mużikali Peace il-Ħadd 9 ta' Lulju fejn nedew CD b'mużika tagħhom.

5.14. Is-Sindku infurmat li l-European Week for Waste Reduction se ssir bejn it-18 u s-26 ta' Novembru. Kien hemm qbil biex jiġu identifikati żoni fejn jista jsir tindif kif ukoll inizjattivi oħra.

5.15. Is-SE informa li kienet waslet talba mill-Unesco Schools – Malta, li qed jorganizzaw Art Camp Malta 2017, biex jisselfu l-exhibition boards tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Bħala rikonoxximent huma offrew pittura lill-Kunsill minn dawk li se jkunu esebiti.

5.16. Is-SE informa li kienet waslet talba minn tim tal-futbol, li qed jissejjaħ Naxxar Victorians, biex jużaw is-sala tal-Kunsill għal laqgħa. Il-Kunsill qabel.

5.17. Is-Sindku infurmat li saret il-laqgħa pubblika dwar il-proġett tat-Trade Fair mal-perit Ray Demicoli it-Tlieta 11 ta' Lulju. Kien hemm madwar 80 persuna preżenti għal-laqgħa.

5.18. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa ma xi residenti dwar permess nru. PA00276/17 dwar bini ta' stalel. Il-Kunsill se jsaqsi lill-Perit jekk l-approvazzjoni hix konformi ma' *Policy 5.2 of the Rural Policy and Design Guidance*.

5.19. Is-Sindku infurmat ukoll li dwar il-proġett ta' dar tal-anzjani u żgħażagħ b'kundizzjonijiet mentali, saret l-oġġezzjoni skond il-kummenti tal-konsulenti tal-Kunsill. Il-Kunsillier Brincat ddikjara kunflitt ta' interess dwar dan is-suġġett.

5.20. Is-Sindku irreferiet għall-proposta ta' Park Reġjonali fiż-żona. Hija pproponiet li ssir laqgħa mal-Onor. Herrera biex il-Kunsill jgħaddilu l-proposta.

5.21. Is-SE informa li kienet waslet email minn Transport Malta (TM) dwar Triq Ġużeppi Stivala, li kienu rċevew petizzjoni mir-residenti. TM talbu laqgħa mal-Kunsill u r-residenti. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiltaqa'.

5.22. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mal-GreenPak biex jiġu diskussi diversi temi li jinkludu s-sitwazzjoni tal-iskart mal-BIS, titjib fis-servizz u kif il-Kunsill jista' jżid l-ammont ta' skart riċiklabbli li jinġabar. Hija sostniet li l-mira tal-Kunsill għandha tkun li jkun ta' quddiem nett fis-settur.

5.23. Fid-dawl tal-problema tal-iskart mal-BIS infurmat li hemm problemi burokratiċi, pero tfasslet strateġija bil-ħsieb li inqas nies jibqgħu jabbużaw min dan is-servizz.

Infurmat li ġew ppubblikati, fuq il-midja soċjali, filmati ta' nies jabbużaw mis-servizz, però b'wiċċhom ma jidhirx, minħabba *data protection*. Hija kompliet billi qalet li l-filmati bl-uċuħ se jgħaddu għand il-Pulizija għal azzjoni min-naħa tagħhom.

5.24. Is-Sindku infurmat li għalkemm mhux responsabbiltà tal-GreenPak, talbithom għajnuna biex issir sorveljanza taż-żona tal-Pjazza. Il-GreenPak laqgħu it-talba tas-Sindku u infurmaw li se jkunu qed jipprovdu CCTV bla ħlas, ħlief għall-provvista tal-elettriku u installazzjoni ta' tabelli.

5.25. Il-Kunsillier Brincat sostna li huwa importanti li l-Kunsill jibqa' jaħdem u jinsisti biex ikun hemm indafa kif jixraq.

5.26. Is-Sindku infurmat li se ssir laqgħa mal-Infracore – Bonnici Bros, dwar parking sensors taħt it-tarmak, kif qed isir proġett f'Ħal Qormi.

5.27. Is-SE informa li ngħataw xi fondi lir-Reġjun biex jinqassmu bejn il-Kunsilli tar-Reġjuni rispettivi għal xogħlijiet ta' toroq. Il-Kunsill tan-Naxxar ġie allokat €13,000.

5.28. Is-SE informa li waslet talba biex isiru tabelli, fi Triq il-Kosta, fejn fuqhom ikun immarkat id-distanza, dan sabiex jiffaċilita lil min qed jgħamel jogging. Fuq it-tabelli jkun hemm reklam ta' min qed jgħamel it-talba.

5.29. Wara votazzjoni, fejn ma qablux biss il-Kunsillieri Sciberras u Cuomo, kien hemm il-qbil li ssir kontro proposta u jintalab *sponsorship* akbar.

## 6. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet.

6.2. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti punti nri. 14 u 15 tal-aġenda.

## 7. MOZZJONI DWAR KUNĊERT ANNWALI FIN-NAXXAR

7.1. Il-Kunsillier Brincat ippreżenta l-mozzjoni, ssekondata mill-Kunsillier Agius. Annessa f'Ċ.

7.2. Il-mozzjoni għaddiet unanimament u l-Kunsill ħatar kumitat organizzattiv bil-membri jkunu: s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Brincat, Cuomo, Gatt, Agius u Spiteri.

## 8. MOZZJONI DWAR IS-SITWAZZJONI ĠENERALI TAT-TRAFFIKU – LAQGĦA MAL-MINISTRU

8.1. Il-Kunsillier Brincat ippreżenta l-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Agius. Annessa f'D.

8.2. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

9.1. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'E wara proposta mill-Kunsilliera Cuomo u ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

9.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'F, Ġ u G rispettivament.

9.3. Is-SE informa li għandha bżonn tinbidel il-lapida tal-ismijiet tas-Sindki minħabba li l-irħama preżenti m'hijiex addattata biex ikollha l-ismijiet peress li normalment tintuża għal xi taraġ filwaqt li preżentament hija mqassma ħażin. Kiseb stima għax-xogħol li tammonta għal €600 + VAT għal waħda ġdida. Il-Kunsill qabel.

9.4. Il-Kunsillier Gatt informa li l-monument tal-Millenju għandu bżonn ta' restawr. Il-Kunsill qabel u s-SE kien mitlub jipproċedi.

9.5. Is-Sindku ipproponiet li minflok issir il-ħarġa tal-Kuntatt ta' żmien il-festa, minħabba li m'hemmx biżżejjed żmien, ssuġġeriet li jsir fuljett sempliċi bl-awgurju u l-messaġġ mis-Sindku, u ritratt tal-Kunsilliera, il-membri tal-Kumitat ta' BIĊ u l-Kunsill Lokali Żgħażagħ

9.6. Is-SE informa li kien hemm bżonn ta' żewġ fannijiet għad-Day Centre li jammontaw għal €55 il-wieħed. Il-Kunsill qabel li jinxtraw.

9.7. Is-SE informa li għandu bżonn laptop ġdid minħabba li b'dak li kien qiegħed jaħdem kien qiegħed jagħtih il-problemi. Il-Kunsill qabel li jinxtara.

9.8. Is-SE informa li hemm bżonn ta' AC fl-uffiċċju tas-Sindku minħabba li m'hemmx. Dan għandu jkun ta' 24,000 BTU u jammonta għal €895. Dan kien l-aħjar prezz minn numru ta' stimi li inkisbu. Il-Kunsill qabel li jinxtara kif propost.

9.9. Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena. Il-Kunsill approva r-rapport.

**10. SEJĦA GĦALL-POST VAKANT TA' SKRIVAN/A**

10.1. Is-SE informa li minħabba r-riżenja ta' skrivana, hemm il-bżonn ta' skrivan/a ġdid/a, għalhekk kien qiegħed jitlob lill-Kunsill biex jibda l-proċeduri għall-impjieg ta' skrivan/a.

10.2. Il-Kunsill qabel.

10.3. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jiddiskuti punt nru. 12 mill-aġenda.

**11. NUQQAS TA' ATTENDENZA MINN KUNSILLIERI**

11.1. Is-SE informa li l-Kunsillieri Galea, Cuomo, u Sciberras kienu naqsu milli jattendu l-ammont ta' laqgħat skond il-liġi u għalhekk kien mitlub jinforma b'dan lill-Ministru.

11.2. Il-Kunsill qabel li r-raġunijiet tal-assenza tal-Kunsillieri kien ġustifikat u għalhekk is-SE għandu jitlob lill-Ministru sabiex il-postijiet ma jiġux dikjarati vakanti.

**12. APPROVAZZJONI TA' BYE LAWS**

12.1. Il-Kunsill qabel li jipposponi dan is-suġġett għal-laqgħa li jmiss.

**13. IL-FESTA TA' MARIA BAMBINA - MANWAL**

13.1. Kien hemm qbil li kollox jimxi skond il-manwal, li diġà kien approvat mill-Kunsill.

13.2. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti punt nru. 16 mill-aġenda.

**14. INIZZJATTIVA MAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ**

14.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ huma interessati li jieħdu ħsieb ġnien fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu u jagħmlu xi attivitajiet. Ġie suġġerit li jieħdu ħsieb Ġnien il-Ħamrija.

14.2. Il-Kunsillier Agius informa li l-Kunsill taż-Żgħażagħ għandhom attività ta' logħob l-għada, d-19 ta' Lulju.

**15. ĠIEĦ IN-NAXXAR**

15.1. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li l-attività ssir fit-tieni ġimgħa ta' Novembru. Din is-sena għandu jingħata ġieħ lil persuna partikulari u jingħataw rikonoxximenti. Il-Kunsill iddeċieda unanimament fuq il-persuna iżda sabiex jitħabbar dak inhar tal-attività il-Kunsill mhux qed jagħmel l-isem pubbliku għalissa.

15.2. Kien hemm qbil biex waqt l-attività jingħataw rikonoxximenti lil dawk li matul is-sena jkunu għamlu xi ħaġa speċjali li jisħoqqilha rikonoxximent, għalkemm mhux fuq l-istess livell tal-ġieħ.

15.3. Għandha ukoll tintalab il-parteċipazzjoni tal-banda tal-Pulizija.

**16. ĦINIJIET TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

16.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru fil-17:30.

**17. L-ADDOTTAZZJONI TAT-12-IL PRINĊIPJU TA' GVERNANZA TAJBA U L-ELOGE – INKLUŻ KONSULENZA**

17.1. Is-SE informa li l-Kunsill irid jikkommetti uffiċjalment li se jsegwi it-12-il prinċipji ta' gvernanza tajba. Il-Kunsill ikkonferma li qiegħed jikkommetti ruħu li jimxi mal-prinċipji.

17.2. Is-SE informa li assistenza ta' konsulenza fil-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa tammonta għal €35 fis-seigħa. Il-Kunsill qabel li jixtri dan is-servizz.

**18. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

18.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017 fil-17:30.

18.2. Il-laqgħa intemmet fit-19:40.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |